L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

SECRET - CABINET PAPERS

Minuti

Laqgha tal-Kabinett Nru 23

Kastilja, 26 ta' Mejju 1978

Prezenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura |
| L-Onor Joseph Abela | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu |
| L-Onor Daniel Piscopo | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xoghlijiet u Sport |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekomunikazzjonijiet |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru ta' l-Industriji Parastatali u tal-Poplu |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc |
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru ta' l-Industrija, Sajd u Agrikoltura |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |

Prezenti wkoll:

Dr E Mizzi
Mr A Agius Ferrante
Mr M Abela
Mr J Sammut
Mr L Baron
Mr T Pellegrini
Mr J Cassar
Mr Lino Spiteri
Mr J Formosa
Mr Bertie Mizzi
Mr C Vella
Mr J Borg
Mr G Agius

1. Minuti

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-Laqgha Nru 22.

2. Riformi fl-Edukazzjoni Terzjarja

Gie deciz illi l-ligi li tirrigwarda l-Edukazzjoni Terzjarja trid tkun ghaddiet mill-istadji kollha tal-Parlament qabel l-ahhar ta' Gunju biex is-sistema tkun dahlet fis-sitt xhur li gejja. Sadanitant tithejja "White Paper" fuq l-Edukazzjoni.

3. Kumitat tax-Xoghol

Gie deciz illi qabel ma jinhatru l-Kumitati tax-Xoghol hemm bzonn li l-Ministri jkellmu lill-impjegati kollha biex jfhemuhom x'inhuma l-funzjonijiet u l-ghan ta' dawn il-Kumitati. Baqa miftiehem illi meta l-Kumitati kollha ikunu mahtura ghandu jkellimhom il-Prim Ministru.

4. Bahhar u Sewwi

Gie deciz illi jekk hemm xi legislazzjoni li qeghda tolqot ir-recruitment ta' Bahhar u Sewwi dina niehdu hsieb nirrangawha flimkien mal-Ministru Barbara, mas-Sea Malta, il-Perit Vella u s-Sur Valhmor Borg.

5. Stad u Staghna

Il-Prim Ministru informa lill-Kabinett bl-ahhar zviluppi dwar is-self mill-Kuwait u l-Libja dwar il-progett ta' Stad u Staghna. Il-Ministeru ta' l-Agrikoltura u Sajd kien qed jigi mghejjun mill-moviment tal-Koperattiva Taljana. Ghal dan il-ghan ghandu jigi mhejji pjan biex jimmanja t-trawlers kollha b'personnel ikkwalifikat. Ghandha ghalhekk tigi ppreparata minnufih lista bl-ismijiet tan-nies li jistghu ibahhru fuq it-trawlers.

6. Izra u Rabbi

Gie deciz illi l-Ministru tal-Finanzi u l-Ministru ta' l-Industrija ghandhom jiltaqghu flimkien biex isolvu l-problema tat-trasport (trukkijiet) fir-reklamar ta' l-art.

3/...

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

7. <u>Proprjeta tas-Servizzi</u>

Gie deciz illi l-proprjeta tas-Servizzi li diga giet mhollija lill-Gvern flimkien ma proprjeta ohra li se taqa f' idejn il-Gvern f'qasir zmien ghandha tghaddi f'idejn il-Ministeru tat-Turizmu halli tibda tintuza minn dan is-sajf stess ghat-turisti.

Gie deciz ukoll illi proprjeta tas-Servizzi li se taqa f' idejn il-Gvern ghandha tintuza mill-Air Malta jew inkella minn xi entrepreneur privat ghall-akkomodazzjoni tat-turisti taht dawn il-kundizzjonijiet:

| | Zewg Sodod | Tlett Sodod |
|---|---|---|
| Appartamenti "fully furnished" | ~~£700~~ | ~~£950~~ |
| Appartamenti mhux "furnished" | £500 | ~~£650~~ |

Il-kera ghandha tigi ffissata ghall-perjodu ta' 8 snin, taht garanzija ghal sentejn kera u sitt xhur kera mhallsa bil-quddiem.

Rigward il-proprjeta "unfurnished" li ghandhom bzonn alterazzjonijiet strutturali l-perjodu tal-'lease' ghandu jkun itwal u negozzjabbli. Ghandu jigi ffissat zmien li fih ghandhom isiru t-tiswijiet.

Il-proprjeta ghandha tigi offerta lill-Air Malta jew lill-individwi privati wara sejha ta' offerti.

Id-djar kollha u appartamenti mhejjija ghat-turisti ghandhom ikollhom licenzja, ~~jigifieri~~:

(a) Lodgers Licence - ghal zmien tlett xhur ghal turisti li joqghodu ma' familji

(b) Licenzja Temporanja ghall-appartamenti u djar furnished - (£30 ghal tlett xhur)

(c) Djar u appartamenti ghat-turisti matul is-sena kollha - (£150/£200 ~~ghal~~ ghaxar snin.)

(Il-Kundizzjonijiet u l-fees ghall-licenzji taht ir-regolamenti prezenti ma jitbiddlux).



L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Il-Ministri ta' l-Art, Turizmu u Finanzi flimkien mas-Central Bank u s-Sur Formosa tal-Bank of Valletta gew inkarigati biex jiffinalizzaw l-iskema.

8. <u>Ghotja ta' Gieh</u>

Gie deciz illi l-Air Marshall Khan tal-Pakistan tinghatalu id-dekorazzjoni ta' "Gieh ir-Repubblika".

Fil-3.45 pm il-Kabinett aggorna ghat-Tnejn, 29 ta' Mejju 1978.

........................ ........................

Segretarju tal-Kabinett Chairman tal-Kabinett

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA